DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2217

tas-27 ta' Novembru 2015

dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mil-Libja u mill-Marokk

(notifikata bid-dokument C(2015) 8223)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(5) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/496/KEE tistabbilixxi l-prinċipji tal-kontrolli veterinarji fuq l-annimali li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Din tistabbilixxi l-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni, jekk marda li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika, timmanifesta ruħha jew tinfirex fit-territorju ta' pajjiż terz.

(2) Id-Direttiva 97/78/KE tistabbilixxi l-prinċipji tal-verifiki veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Din tistabbilixxi l-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni, jekk marda li tista' tkun ta' theddida serja għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika, timmanifesta ruħha jew tinfirex fit-territorju ta' pajjiż terz.

(3) Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer hija waħda mill-aktar mard li jittieħed malajr fl-ifrat, in-nagħaġ, il-mogħoż u l-ħnieżer. Il-vajrus li jikkawża din il-marda għandu l-potenzjal li jinfirex malajr, l-aktar permezz ta' prodotti li jinkisbu minn annimali infettati u oġġetti mhux ħajjin kontaminati, inklużi l-mezzi ta' trasport bħall-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem. Il-vajrus jista' jippersisti wkoll għal diversi ġimgħat f'ambjent kontaminat barra ġisem l-annimal li jkollu l-marda, dejjem skont it-temperatura.

(4) Wara t-tifqigħat li seħħew fl-2014 tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Alġerija, fil-Libja u fit-Tuneżija, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/689/UE ([3]) ipprevediet miżuri ta' protezzjoni biex jevitaw l-introduzzjoni tal-marda fl-Unjoni.

(5) B'mod partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/689/UE tistabbilixxi miżuri dwar it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-vetturi u tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem mill-Alġerija, mil-Libja u mit-Tuneżija. Peress li l-Marokk huwa pajjiż potenzjali minn fejn jistgħu jgħaddu l-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu sejrin mill-Alġerija, mil-Libja u mit-Tuneżija lejn l-Unjoni, dawk il-miżuri huma applikati wkoll għall-vetturi u l-bastimenti minn dak il-pajjiż. Dik id-Deċiżjoni kienet tapplika sal-1 ta' Ottubru 2015.

(6) Fit-2 ta' Novembru 2015, il-Marokk bagħat notifika lill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (l-OEI) biex jikkonferma t-tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer tas-serotip O fil-Punent tat-territorju tiegħu.

(7) Il-preżenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Marokk tista' tikkostitwixxi riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem fl-Unjoni.

(8) Is-sitwazzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Libja għadha inċerta u għadd sinifikanti ta' kunsinni ta' annimali bovini ħajjin qed jiġi esportat f'dak il-pajjiż mill-Istati Membri tal-UE.

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
([2]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/689/UE tad-29 ta' Settembru 2014 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-Alġerija, il-Libja, il-Marokk u t-Tuneżija (ĠU L 287, 1.10.2014, p. 27).

(9) Barra minn hekk, il-Libja u l-Marokk huma pajjiżi potenzjali minn fejn jistgħu jgħaddu l-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem minn pajjiżi Afrikani oħra lejn l-Unjoni.

(10) Għalhekk, is-sitwazzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fil-Libja u fil-Marokk tirrekjedi li jiġu adottati miżuri ta' protezzjoni fil-livell tal-Unjoni li jqisu s-soppravivenza fl-ambjent tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u r-rotot ta' trażmissjoni potenzjali ta' dak il-vajrus.

(11) Il-vetturi u l-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem użati għat-trasport tal-annimali ħajjin mil-Libja u mill-Marokk jistgħu jiġu kkontaminati bil-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'dawk il-pajjiżi, u għalhekk hemm ir-riskju li jintroduċu l-marda mal-wasla tagħhom fl-Unjoni.

(12) It-tindif u d-diżinfezzjoni xierqa tal-vetturi u tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem huwa l-aħjar mod kif jitnaqqas ir-riskju tat-trażmissjoni rapida tal-vajrus fuq distanzi kbar.

(13) Għalhekk, huwa xieraq li l-vetturi u l-bastimenti kollha għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu ttrasportaw annimali ħajjin lejn destinazzjonijiet fil-Libja jew fil-Marokk jiġu mnaddfa u diżinfettati b'mod xieraq, u li dan it-tindif u d-diżinfezzjoni jiġi dokumentat kif suppost f'dikjarazzjoni li trid tiġi ppreżentata mill-operatur jew mis-sewwieq lill-awtorità kompetenti fil-punt tad-dħul fl-Unjoni.

(14) L-operatur jew is-sewwieq għandu jiżgura li għal kull vettura u bastiment għall-ġarr tal-bhejjem li jkunu ttrasportaw annimali ħajjin lejn destinazzjonijiet fil-Libja u fil-Marokk, jinżamm iċ-ċertifikat tat-tindif u d-diżinfezzjoni għal perjodu minimu ta' tliet snin.

(15) L-Istati Membri għandu jkollhom ukoll il-possibbiltà li l-vetturi li jittrasportaw l-għalf minn pajjiżi infettati jew lejhom, u li minnhom ma jistax jiġi eskluż ir-riskju sinifikanti tal-introduzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fit-territorju tal-Unjoni, ikunu suġġetti għal diżinfezzjoni fuq il-post tar-roti jew ta' kull parti oħra tal-vettura li titqies neċessarja biex jitnaqqas dan ir-riskju.

(16) Barra minn hekk, għalkemm l-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin ta' speċijiet suxxettibbli għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer mhumiex awtorizzati minn kull pajjiż fl-Afrika, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE ([1]) hija awtorizzata l-importazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' ekwidi li ġejjin mill-Marokk u skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/57/UE ([2]) huwa permess li jsir it-tranżitu fl-Unjoni tal-ekwidi li ġejjin minn dak il-pajjiż terz u li qegħdin fi triqthom lejn pajjiż terz ieħor. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li l-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem li jittrasportaw ekwidi li ġejjin minn dak il-pajjiż terz, ikunu suġġetti għal diżinfezzjoni fuq il-post tar-roti jew ta' kull parti oħra tal-vettura li titqies neċessarja biex jitnaqqas ir-riskju ta' introduzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Unjoni.

(17) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw għal perjodu ta' żmien li jippermetti li ssir evalwazzjoni sħiħa tal-evoluzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fiż-żoni affettwati.

(18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "vettura għall-ġarr tal-bhejjem" jew "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser kull vettura jew bastiment li qed jintużaw jew li ntużaw għat-trasport ta' annimali terrestri ħajjin.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mal-wasla tal-operatur jew tas-sewwieq ta' vettura għall-ġarr tal-bhejjem jew ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem mil-Libja u mill-Marokk, fil-punt tad-dħul fl-Unjoni jipprovdi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru bl-informazzjoni li turi li l-bhejjem jew il-kompartament tal-ġarr, meta applikabbli l-kaxxa tat-trakk, ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq u l-ħwejjeġ u l-bwiez protettivi użati matul il-ħatt, tnaddfu u ġew diżinfettati wara l-aħħar ħatt tal-annimali.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/57/UE tat-3 ta' Frar 2010 li tistabbilixxi garanziji tas-saħħa għat-tranżitu tal-equidae (razza taż-żwiemel) li jkunu qegħdin jiġu ttrasportati mit-territorji elenkati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE (ĠU L 32, 4.2.2010, p. 9).

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi inkluża f'dikjarazzjoni mimlija skont il-mudell stipulat fl-Anness I jew fi kwalunkwe format ieħor ekwivalenti li jinkludi mill-inqas l-informazzjoni stipulata f'dak il-mudell.

3. Il-kopja oriġinali tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinżamm mill-awtorità kompetenti għal perjodu ta' tliet snin.

Artikolu 3

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul fl-Unjoni għandha tikkontrolla viżwalment il-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem li ġejjin mil-Libja u mill-Marokk sabiex tiddetermina jekk tnaddfux u ġewx diżinfettati b'mod sodisfaċenti.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni fil-Libja u fil-Marokk ta' annimali ħajjin li jridu jinġarru, għandha tikkontrolla viżwalment il-vetturi għall-ġarr tal-bhejjem sabiex tiddetermina jekk tnaddfux u ġewx diżinfettati b'mod sodisfaċenti qabel it-tagħbija tal-annimali.

3. Jekk il-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 juru li t-tindif u d-diżinfezzjoni twettqu b'mod sodisfaċenti jew jekk l-awtoritajiet kompetenti minbarra l-miżuri stipulati fil-paragrafu 1, ordnaw, organizzaw u wettqu diżinfezzjoni addizzjonali ta' vetturi jew bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li tnaddfu qabel, l-awtorità kompetenti għandha tiddikjara dak il-fatt billi toħroġ ċertifikat skont il-mudell stabbilit fl-Anness II.

4. Jekk il-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 juru li t-tindif u d-diżinfezzjoni tal-vettura jew tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma twettqux b'mod sodisfaċenti, l-awtorità kompetenti għandha tieħu waħda mill-miżuri li ġejjin:

(a) tordna li l-vettura jew il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem jitnaddaf u jiġi diżinfettat kif suppost f'post innominat mill-awtorità kompetenti, viċin kemm jista' jkun tal-punt tad-dħul fl-Istat Membru kkonċernat u toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3;

(b) jekk ma jkunx hemm faċilità adattata għat-tindif u d-diżinfezzjoni viċin il-punt tad-dħul jew jekk hemm riskju li l-prodotti residwi tal-annimali jistgħu jiġu rilaxxati minn vettura jew bastiment għall-ġarr tal-bhejjem mhux imnaddaf:

(i) tiċħad id-dħul fl-Unjoni tal-vettura jew tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem; jew

(ii) twettaq diżinfezzjoni preliminarja fuq il-post tal-vettura jew tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem li ma jkunx tnaddaf jew ġie diżinfettat b'mod sodisfaċenti sakemm titwettaq l-applikazzjoni tal-miżuri stipulati fil-punt (a).

5. Il-kopja oriġinali taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tinżamm mill-operatur jew mis-sewwieq tal-vettura għall-ġarr tal-bhejjem għal perjodu ta' tliet snin. L-awtorità kompetenti għandha żżomm kopja ta' dak iċ-ċertifikat għal perjodu ta' tliet snin.

Artikolu 4

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-punt tad-dħul fl-Unjoni tista' tissuġġetta kull vettura li tkun ittrasportat għalf li jkun ġej mil-Libja u mill-Marokk jew lejhom, u li minnha ma jistax jiġi eskluż ir-riskju sinifikanti tal-introduzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Unjoni, għal diżinfezzjoni fuq il-post tar-roti jew ta' kull parti oħra tal-vettura li titqies neċessarja biex jitnaqqas dan ir-riskju.

Artikolu 5

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-post tad-dħul ta' spezzjoni fil-fruntiera tista' tissuġġetta vetturi li jittrasportaw ekwidi mill-Marokk li jiġu introdotti fl-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/156/KE u f'każ ta' tranżitu skont id-Deċiżjoni 2010/57/UE, u li minnhom ma jistax jiġi eskluż ir-riskju sinifikanti tal-introduzzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fit-territorju tal-Unjoni, għal diżinfezzjoni fuq il-post tar-roti jew ta' kull parti oħra tal-vettura li titqies neċessarja biex jitnaqqas dan ir-riskju.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni tapplika sal-31 ta' Diċembru 2016.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Dikjarazzjoni mudell li trid tingħata mill-operatur/mis-sewwieq tal-vettura/tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem li ġejjin mil-Libja u mill-Marokk

Jien, l-operatur/is-sewwieq tal-vettura/tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ..... ([1])

niddikjara li:

— Il-ħatt l-aktar riċenti tal-annimali u tal-għalf sar fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ssss)	Ħin (ss:mm)

— Wara l-ħatt, il-vettura/il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem tnaddfu u ġew diżinfettati. It-tindif u d-diżinfezzjoni inkludew il-kompartiment tal-bhejjem jew tat-tagħbija, [il-kaxxa tat-trakk,] ([2]) ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq u l-ħwejjeġ u l-bwiez protettivi li ntużaw matul il-ħatt.

— It-tindif u d-diżinfezzjoni twettqu fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ssss)	Ħin (ss:mm)

— Id-diżinfettant intuża skont il-konċentrazzjonijiet rakkomandati mill-manifattur ([3]):

.....

— It-tagħbija li jmiss ta' annimali se sseħħ fi:

Pajjiż, reġjun, post	Data (jj.xx.ss)	Ħin (ss:mm)

Data	Post	Firma tal-operatur/tas-sewwieq
Isem l-operatur/is-sewwieq tal-vettura għall-ġarr tal-bhejjem u l-indirizz kummerċjali (f'ittri kapitali)		

([1]) Daħħal in-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni/ta' identifikazzjoni tal-vettura/tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem.
([2]) Ħassar jekk mhux applikabbli.
([3]) Indika s-sustanza u l-konċentrazzjoni tagħha.

ANNESS II

Ċertifikat mudell ta' tindif u diżinfezzjoni tal-vetturi/tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li ġejjin mil-Libja u mill-marokk

Jien, li ffirmajt hawn taħt, niċċertifika uffiċjalment li spezzjonajt:

1. il-vetturi/il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem bil-pjanċi tar-reġistrazzjoni/ta' identifikazzjoni ..... [1] llum u permezz ta' kontroll viżiv sibt li l-kompartament tal-bhejjem jew tat-tagħbija, [il-kaxxa tat-trakk] [2], ir-rampa tat-tagħbija, it-tagħmir li jkun miss mal-annimali, ir-roti u l-kabina tas-sewwieq u l-ħwejjeġ u l-bwiez protettivi użati matul il-ħatt, tnaddfu b'mod sodisfaċenti.

2. l-informazzjoni ppreżentata fil-forma ta' dikjarazzjoni kif stipulat fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2217 [3] jew fi kwalunkwe forma ekwivalenti oħra li tkopri l-punti stipulati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2217.

Data	Ħin	Post	Awtorità kompetenti	Firma tal-uffiċjal (*)
Timbru:	Isem f'ittri kapitali:			

(*) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak użat għall-istampar.

(1) Daħħal in-numri tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni/ta' identifikazzjoni tal-vetturi/tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem.
(2) Ħassar jekk mhux applikabbli.
(3) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2217 tas-27 ta' Novembru 2015 dwar miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni fl-Unjoni tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer mil-Libja u mill-Marokk (ĠU L 314, 1.12.2015, p. 60).